

**Linji gwida dwar il-metodoloġija għal-  
valutazzjonijiet ta' ekwivalenza mill-  
Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali taħt  
Solvibbiltà II**

## Introduzzjoni

- 1.1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1904/2010 tal-24 ta' Novembru 2010 (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament EIOPA)<sup>1</sup>, l-EIOPA qiegħda tabbozza Linji Gwida li jiżviluppaw l-Artikoli 227 u 260 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (minn hawn 'il quddiem id-Direttiva tas-Solvibbiltà II)<sup>2</sup> dwar il-valutazzjoni tal-ekwivalenza tar-reġimi superviżorji f'pajjiż terz.
- 1.2. L-Artikoli 379 u 380 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni jinkludu l-kriterji li għandhom jintużaw għall-iskop tat-twettiq ta' valutazzjoni tal-ekwivalenza tar-reġimi superviżorji f'pajjiż terz għall-Artikoli 227 u 260 tad-Direttiva Solvibbiltà II, rispettivament<sup>3</sup>.
- 1.3. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali taħt id-Direttiva tas-Solvibbiltà II.
- 1.4. Id-Direttiva tas-Solvibbiltà II tantiċipa li f'ċirkostanzi fejn il-Kummissjoni Ewropea ma tkunx adottat deċiżjoni dwar l-ekwivalenza ta' pajjiż terz partikolari, imbagħad, skont l-Artikolu 227(2) tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II, is-superviżur tal-grupp għandu jwettaq il-verifika tal-ekwivalenza tar-reġim ta' pajjiż terz għall-iskop tal-kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp, fuq l-inizjattiva proprja tagħha jew fuq talba tal-impriża parteċipi.
- 1.5. B'mod simili, skont l-Artikolu 260(1) tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II, fejn ma jkun hemm ebda deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-ekwivalenza, il-verifika ta' jekk pajjiż terz partikolari jeżerċita superviżjoni tal-grupp ekwivalenti għal dik prevista taħt Solvibbiltà II għandha ssir mill-awtorità superviżorja tal-UE li tkun is-superviżur tal-grupp kieku l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 247(2) kellhom japplikaw (superviżur tal-grupp responsabbli). Il-verifika għandha ssir fuq talba tal-impriża parteċipi f'pajjiż terz jew ta' kwalunkwe waħda mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni awtorizzati fl-Unjoni jew fuq l-inizjattiva proprja tas-superviżuri tal-grupp responsabbli.
- 1.6. Dawn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jiżguraw li s-superviżuri tal-grupp jew is-superviżuri tal-grupp responsabbli jsegwu approċċ konsistenti bbażat fuq il-kriterji ta' Ekwivalenza stabbiliti fil-Miżuri ta' Implimentazzjoni tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II. Dan il-proċess se jgħin biex itaffi kwalunkwe riskju residwu li superviżuri tal-grupp jew superviżuri tal-grupp responsabbli differenti jaslu għal deċiżjonijiet differenti dwar l-istess reġim f'pajjiż terz permezz ta' approċċi ta' valutazzjoni diverġenti. Meta l-Kummissjoni Ewropea sussegwentement tagħmel determinazzjoni ta' ekwivalenza, din id-determinazzjoni se tħassar kull

---

<sup>1</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48–83

<sup>2</sup> ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1–155

<sup>3</sup> ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1–797

determinazzjoni magħmula preċedentement mis-superviżur tal-grupp jew mis-superviżur tal-grupp responsabbli.

- 1.7. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida jirrigwarda valutazzjonijiet ta' ekwivalenza sħaħ.
- 1.8. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida "l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kkonċernati" huma l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kollha li huma kompetenti għas-superviżjoni tal-impriżi tal/r-(ri)assigurazzjoni taħt il-qafas ta' Solvibbiltà II.
- 1.9. Jekk ma jkunux definiti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini għandhom it-tifsira definita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.
- 1.10. Il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2015.

### **Linja Gwida 1 - Prinċipji ġenerali**

- 1.11. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom japplikaw il-prinċipji komprensivi li ġejjin li huma l-bażi ta' valutazzjonijiet tal-ekwivalenza:
  - a) Il-valutazzjonijiet tal-ekwivalenza għandhom l-għan li jiddeterminaw jekk is-sistema superviżorja f'pajjiż terz tipprovdi livell simili ta' protezzjoni għad-detentur ta' polza/benefiċjarju għal dak stipulat fit-Titolu I, Kapitolu VI tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II.
  - b) Il-valutazzjonijiet tal-ekwivalenza huma bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 379 u 380 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni li jstabbilixxu l-prinċipji superviżorji rilevanti inkorporati fid-Direttiva tas-Solvibbiltà II.
  - c) Bl-eċċezzjoni tal-kriterju tas-segretezza professjonali, il-valutazzjonijiet tal-ekwivalenza jikkunsidraw il-prinċipju tal-proporzjonalità.
  - d) L-ekwivalenza tar-reġim tas-segretezza professjonali f'pajjiż terz hija prekondizzjoni għal konstatazzjoni ta' ekwivalenza pożittiva dwar ir-reġim tal-grupp superviżorju f'pajjiż terz.
  - e) Sentenza ta' ekwivalenza tista' ssir biss fir-rigward tar-reġim eżistenti u applikat minn awtorità superviżorja f'pajjiż terz fiż-żmien tal-valutazzjoni.
  - f) Huwa neċessarju li l-valutazzjoni tkopri l-elementi kollha tar-reġim superviżorju f'pajjiż terz kopert mill-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 379 u 380 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, u mhux biss dawk l-elementi direttament rilevanti għall-grupp li jkun talab il-valutazzjoni.
  - g) Il-valutazzjonijiet tal-ekwivalenza pożittivi jeħtieġ li jiġu riveduti b'mod regolari.
  - h) Il-valutazzjonijiet ta' ekwivalenza negattivi jistgħu jiġu riveduti fuq it-talba tal-impriża rilevanti jew fuq l-inizjattiva proprja tas-superviżur tal-grupp jew tas-superviżur tal-grupp responsabbli, meta jkunu saru tibdiliet sinifikanti għar-reġim superviżorju stipulat fit-Titolu I, Kapitolu VI tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II jew għar-reġim superviżorju tal-pajjiż terz.

## **Linja Gwida 2 - Talba għal valutazzjoni tal-ekwivalenza**

- 1.12. Is-superviżur tal-grupp jew is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jinnotifika lill-EIOPA, meta jirċievi talba biex iwettaq valutazzjoni tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 227 u/jew l-Artikolu 260 tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II, fi żmien 20 jum ta' xogħol mill-wasla tat-talba dwar jekk:
- a) Jixtieqx iwettaq il-valutazzjoni fuq livell nazzjonali, bl-assistenza tal-EIOPA u wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kkonċernati l-oħrajn; jew
  - b) Jixtieqx jitlob valutazzjoni mill-EIOPA. Is-superviżur tal-grupp jew is-superviżur tal-grupp responsabbli li jagħmel it-talba għandu jipparteċipa fil-valutazzjoni teknika.

## **Linja Gwida 3 - Informazzjoni pprovduta lill-EIOPA għall-valutazzjoni**

- 1.13. Is-superviżur tal-grupp jew is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu, meta jiddeċiedi li jitlob valutazzjoni mill-EIOPA, jipprovdi l-informazzjoni li ġejja permezz ta' email flimkien mat-talba tiegħu:
- a) Data tat-talba mill-impriża;
  - b) L-isem tal-impriża li tagħmel it-talba;
  - c) L-isem tal-grupp li tappartjeni fih l-impriża li tagħmel it-talba;
  - d) Il-pajjiż jew pajjiżi li l-valutazzjoni tkun intalbet għalihom;
  - e) L-isem u l-email tal-persuna/i ta' kuntatt fis-superviżur tal-grupp jew is-superviżur tal-grupp responsabbli għall-iskop tal-għoti ta' dettalji fuq it-talba ta' valutazzjoni.

## **Linja Gwida 4 - Valutazzjoni mill-EIOPA**

- 1.14. Is-superviżur tal-grupp jew is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu, meta l-valutazzjoni ssir mill-EIOPA, jikkunsidra l-konklużjoni tal-valutazzjoni pprovduta mill-EIOPA fid-deċiżjoni dwar l-ekwivalenza.

## **Linja Gwida 5 - Komunikazzjoni tad-deċiżjoni tas-superviżur tal-grupp jew is-superviżur tal-grupp responsabbli**

- 1.15. Is-superviżur tal-grupp jew is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jikkomunika lill-EIOPA l-eżitu u l-analiżi ta' appoġġ għad-deċiżjoni proposta tiegħu li se tkun disponibbli għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kollha.

## **Linja Gwida 6 - Oġġezzjonijiet għad-deċiżjoni tas-superviżur tal-grupp jew tas-superviżur tal-grupp responsabbli**

1.16. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jibagħtu permezz ta' email lill-EIOPA u lis-superviżur tal-grupp jew lis-superviżur tal-grupp responsabbli kwalunkwe oġġezzjoni għad-deċiżjoni proposta fi żmien massimu ta' 10 jiem ta' xogħol mill-jum li fih l-EIOPA tiċċirkola d-deċiżjoni dwar l-ekwivalenza u l-analiżi ta' appoġġ taħt il-Linja Gwida 5.

## **Linja Gwida 7 - Deċiżjoni finali tas-superviżur tal-grupp jew tas-superviżur tal-grupp responsabbli**

1.17. Is-superviżur tal-grupp jew is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jistenna sakemm ikun għadda l-perjodu stipulat fil-Linja Gwida 6 u għandu jikkunsidra kwalunkwe oġġezzjoni qabel jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu lill-EIOPA u jikkomunika r-riżultat lill-impriża.

## **Linja Gwida 8 - Valutazzjoni fil-livell nazzjonali/l-Article 227 tar-Direttiva tas-Solvibbiltà II**

1.18. Meta dawn jiddeċiedu li jwettqu/jipparteċipaw f'valutazzjoni tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 227 tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II, is-superviżur tal-grupp u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jorganizzaw ix-xogħol tagħhom b'tali mod li jikkonforma mal-azzjonijiet u l-iskadenzi deskritti fl-Anness Tekniku I.

## **Linja Gwida 9 - Valutazzjoni fuq livell nazzjonali/l-Artikolu 260 tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II**

1.19. Meta dawn jiddeċiedu li jwettqu/jipparteċipaw f'valutazzjoni tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 260 tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II, is-superviżur tal-grupp u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jorganizzaw ix-xogħol tagħhom b'tali mod li jikkonforma mal-azzjonijiet u l-iskadenzi deskritti fl-Anness Tekniku I.

## **Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar**

1.20. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

1.21. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jinkorporawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.

1.22. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk dawn jikkonformawx jew humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, b'raġunijiet għal nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.

1.23. Fin-nuqqas ta' risposta sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u ma' dak li jiġi rrappurtat bħala tali.

### **Dispożizzjonijiet Finali dwar ir-Reviżjonijiet**

1.24. Il-Linji Gwida preżenti għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.

## **Anness Tekniku I - Valutazzjoni tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 227 tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II**

**Part I:** Biex iwettqu valutazzjoni skont il-Linja Gwida 8, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom isegwu l-passi deskritti hawn taħt.

### A. Bidu tal-valutazzjoni:

- 1) Fi żmien 20 jum ta' xogħol mill-wasla tat-talba skont l-Artikolu 227(2) tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II, is-superviżur tal-grupp għandu jinnotifika lill-EIOPA dwar it-talba rċevuta u jipprovdi d-dettalji li ġejjin:
  - a) Id-data tat-talba mill-impriża;
  - b) L-isem tal-impriża li tagħmel it-talba;
  - c) L-isem tal-grupp li l-impriża li tagħmel it-talba tappartjeni fih;
  - d) Il-pajjiż jew pajjiżi li għet mitluba valutazzjoni għalihom;
  - e) L-isem u l-email tal-persuna/i ta' kuntatt fis-superviżur tal-grupp għall-iskop tal-valutazzjoni.

In-notifika għandha wkoll tiġi kkupjata lill-membri tal-UE tal-kulleġġ tal-grupp.

Is-superviżur tal-grupp, flimkien mal-EIOPA, għandu jiċċekkja jekk tkunx diġà ttieħdet deċiżjoni dwar l-ekwivalenza li tirrigwarda dak il-pajjiż terz minn superviżur ieħor tal-grupp. Jekk iva, il-passi dettaljati li ġejjin huma meħtieġa biex jiġu kkunsidrati bidliet sinifikanti fir-reġim superviżorju stipulat fit-Titolu I, il-Kapitolu VI tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II u fir-reġim superviżorju f'dak il-pajjiż terz.

- 2) Is-superviżur tal-grupp għandu jitlob lill-EIOPA biex tiċċirkola l-informazzjoni lill-Bord ta' Superviżuri tagħha fi żmien 5 ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi n-notifika, filwaqt li titlob dettalji dwar kwalunkwe interess materjali mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fil-valutazzjoni tal-ekwivalenza rigward l-impriża li jissorveljaw.
- 3) L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jipprovdu dawn id-dettalji fi żmien 15-il jum ta' xogħol lill-persuna responsabbli għall-valutazzjoni fis-superviżur tal-grupp u lill-EIOPA.
- 4) Fi żmien 20 jum ta' xogħol mill-wasla tat-talba skont l-Artikolu 227(2) tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II, is-superviżur tal-grupp għandu jikkuntattja lis-superviżur f'pajjiż terz biex jinnotifikah dwar it-talba u biex jistaqsih jekk jixtieqx jipparteċipa jew jikkoopera fil-valutazzjoni, li jindika l-iskeda ta' żmien proposta għall-valutazzjoni lis-superviżur f'pajjiż terz. In-notifika għandha tiġi kkomunikata lill-EIOPA.
- 5) Is-superviżur tal-grupp għandu jitlob lis-superviżur f'pajjiż terz biex jipprovdi risposta fi żmien 20 jum ta' xogħol mid-data li fiha jirċievi t-talba.

### B. Twettiq tal-valutazzjoni:

- 6) Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla ta' risposta mis-superviżur f'pajjiż terz li tikkonferma parteċipazzjoni jew kooperazzjoni fil-valutazzjoni, is-superviżur tal-grupp għandu jibda l-proċess tal-ġbir tal-informazzjoni billi jibgħat il-kwestjonarju

inkluż fil-Parti II ta' dan l-Anness Tekniku. Is-superviżur tal-grupp għandu jagħti lis-superviżur f'pajjiż terz mill-inqas 40 ijiem ta' xogħol biex jipprovdi l-informazzjoni. Is-superviżur tal-grupp għandu jikkomunika t-talba għal informazzjoni lill-EIOPA.

- 7) Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla ta' risposta minn superviżur f'pajjiż terz li jirrifjuta l-kooperazzjoni, u wara li jinforma lill-EIOPA, is-superviżur tal-grupp għandu jinnotifika lill-impriża li tkun talbet il-valutazzjoni u għandu jikkonferma jekk l-impriża tixtieqx tipproċedi xorta bil-valutazzjoni. Meta l-impriża li tagħmel it-talba tkun tixtieq tipproċedi (minn hawn `il quddiem, l-impriża parteċipi), is-superviżur tal-grupp għandu jibda bil-ġbir tal-informazzjoni mill-impriża parteċipi. L-iskadenza għar-risposta tal-impriża parteċipi m'għandhiex tkun iqsar minn 40 jum tax-xogħol.
- 8) Is-superviżur tal-grupp għandu jitlob lill-impriża parteċipi biex tipprovdi informazzjoni rigward l-elementi kollha tal-kwestjonarju fil-Parti II ta' dan l-Anness Tekniku.
- 9) Is-superviżur tal-grupp għandu jitlob lill-impriża parteċipi biex tipprovdi l-leġiżlazzjoni kollha rilevanti f'pajjiż terz, kemm fil-verżjoni oriġinali kif ukoll f'dik tradotta fil-lingwa nazzjonali tas-superviżur tal-grupp u/jew bl-Ingliż.
- 10) Sal-iskadenza għall-wasla tat-tweġibiet għall-kwestjonarju mis-superviżur f'pajjiż terz/l-impriża parteċipi, is-superviżur tal-grupp għandu jkollu fis-seħħ it-tim ta' valutazzjoni bil-kompetenza, għarfien u esperjenza xierqa li għandu jinkludi esperti li ġejjin minn awtoritajiet superviżorji nazzjonali oħrajn - fejn ikun hemm qbil - u l-EIOPA.
- 11) Meta, minkejja t-talbiet, l-informazzjoni meħtieġa biex issir valutazzjoni ma tkunx disponibbli, is-superviżur tal-grupp għandu joħroġ deċiżjoni li ttejjem il-proċess ta' valutazzjoni li tiddikjara li ma tistax issib l-ekwivalenti f'pajjiż terz minħabba nuqqas ta' evidenza ta' sostenn. Is-superviżur tal-grupp għandu jiddiżattiva l-grupp tal-valutazzjoni u għandu jinforma lill-EIOPA, lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u lill-impriża li talbet il-valutazzjoni tad-deċiżjoni.
- 12) Mal-wasla tar-reazzjoni tal-pajjiż terz għall-kwestjonarju/l-input tal-impriża parteċipi, is-superviżur tal-grupp għandu jibda l-valutazzjoni bbażata fuq dokumentazzjoni. Dan l-istadju għandu jingħata perjodu minimu ta' 30 jum ta' xogħol.
- 13) Matul il-valutazzjoni bbażata fuq dokumentazzjoni, is-superviżur tal-grupp għandu jiżgura li jkollu l-informazzjoni kollha li jeħtieġ biex isegwi l-valutazzjoni u jitlob kjarifiki addizzjonali mis-superviżur f'pajjiż terz/impriża parteċipi, kif xieraq. L-EIOPA għandha tinżamm informata bil-progress tal-valutazzjoni sabiex tkun tista' tassisti lis-superviżur tal-grupp. Il-komunikazzjonijiet għandhom jiġu ddokumentati sew f'kull ħin.



- 14) Matul il-valutazzjoni bbażata fuq dokumentazzjoni, is-superviżur tal-grupp għandu juża wkoll data/informazzjoni minn varjetà ta' sorsi oħrajn, kif xieraq. Is-superviżur tal-grupp għandu jitlob lill-EIOPA biex iġġib għall-attenzjoni tiegħu kwalunkwe informazzjoni pertinenti fil-pussess tagħha jew ipprovduti minn awtoritajiet superviżorji nazzjonali oħrajn.
- 15) Meta ssir il-valutazzjoni, kull kriterju kif ipprovdut fl-Artikolu 379 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni għandu jiġi vvalutat permezz ta' ħames kategoriji: sodisfatt, sodisfatt kważi kollu, sodisfatt parzjalment, mhux sodisfatt u mhux applikabbli. Biex kriterju jiġi kkunsidrat bħala sodisfatt, l-awtorità superviżorja/impriża parteċipanti f'pajjiż terz għandhom jipprovdu evidenza li:
- a) Id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti li jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet legali, regolatorji u/jew amministrattivi jeżistu; u
  - b) Id-dispożizzjonijiet nazzjonali huma applikati b'mod effettiv fil-prattika.
- 16) Fejn dispożizzjonijiet nazzjonali ma jkunux fis-seħħ fiż-żmien tal-valutazzjoni, is-superviżur tal-grupp għandu jinnota t-titjib propost fir-rapport tal-valutazzjoni, fejn xieraq.

#### C. Eżitu tal-valutazzjoni tal-ekwivalenza jew riżultati:

- 17) Fl-aħħar tal-perjodu tal-valutazzjoni, is-superviżur tal-grupp għandu jabbozza rapport li jkun fih dan li ġej:
- a) Preżentazzjoni fil-qosor tal-azzjonijiet tas-superviżur tal-grupp u l-kronoloġija tagħhom;
  - b) Indikazzjoni dwar jekk il-pajjiż terz ikunx qed jikkoopera fil-proċess;
  - c) Indikazzjoni/dettalji dwar kif l-informazzjoni ġiet miġbura - meta toriġina barra minn sottomissjoni ta' superviżur f'pajjiż terz;
  - d) Ħarsa ġenerali fil-qosor lejn is-suq tal-pajjiż terz;
  - e) Analiżi dettaljata tal-aspetti rilevanti tas-sistema ta' superviżjoni f'pajjiż terz;
  - f) Riżultat tal-analiżi mwettqa mis-superviżur tal-grupp li għandu jipprovdi l-konstatazzjonijiet għal kull wieħed mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 379 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
  - g) Konklużjoni tal-valutazzjoni tal-ekwivalenza, li għandha tkun waħda minn dawn li ġejjin:
    - i. Il-pajjiż A huwa ekwivalenti skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 379 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
    - ii. Il-pajjiż A ma jissodisfax il-kriterji u mhuwiex ekwivalenti.
- 18) Is-superviżur tal-grupp għandu jikkomunika l-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni lill-membri tal-kulleġġ u lill-EIOPA. Is-superviżur tal-grupp għandu wkoll jitlob lill-EIOPA tikkomunika aktar il-konklużjonijiet lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kollha. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jikkummentaw f'perjodu ta' 20 jum ta' xogħol, u s-superviżur tal-grupp għandu jikkunsidra b'attenzjoni f'kooperazzjoni mal-EIOPA kull osservazzjoni li jirċievi bħala riżultat ta' dan il-proċess qabel ma jiffinalizza l-konklużjonijiet tiegħu.

- 19) Wara dan il-pass, is-superviżur tal-grupp għandu jaqsam ir-rapport mas-superviżur f'pajjiż terz għal kontroll tal-preċiżjoni fattwali, indipendentement mill-kooperazzjoni tiegħu jew le fil-proċess. Is-superviżur f'pajjiż terz għandu jingħata minimu ta' 15 u massimu ta' 25 jum ta' xogħol biex jippreżenta l-kummenti tiegħu dwar il-preċiżjoni fattwali.
- 20) F'każ li jaslu kummenti mingħand superviżur f'pajjiż terz, dawn għandhom jiġu kkunsidrati mit-tim tal-valutazzjoni u r-rapport għandu jiġi rivedut kif xieraq qabel il-finalizzazzjoni tiegħu.
- 21) Wara d-deċiżjoni proposta dwar l-ekwivalenza tal-pajjiż terz mis-superviżur tal-grupp, l-eżitu u l-analiżi ta' sostenn għandhom jiġu kkomunikati mis-superviżur tal-grupp lill-EIOPA mat-talba biex jitqassam ir-rapport u l-analiżi ta' sostenn fost il-membri tagħha permezz taż-żona ristretta tas-sit elettroniku.
- 22) Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-jum li fih l-EIOPA tkun iċċirkolat id-deċiżjoni ta' ekwivalenza u l-analiżi ta' sostenn skont il-paragrafu 21, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jippreżentaw permezz ta' email lill-EIOPA u lis-superviżur tal-grupp, kwalunkwe oġġezzjoni għad-deċiżjoni proposta. Is-superviżur tal-grupp m'għandu jikkomunika ebda deċiżjoni lill-impriża li tagħmel it-talba qabel ma jkun għadda dan il-perjodu u jekk ma tkun ġiet ippreżentata ebda oġġezzjoni. Jekk tkun ġiet ippreżentata xi oġġezzjoni, is-superviżur tal-grupp għandu jikkunsidra l-oġġezzjonijiet qabel jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu lill-EIOPA u għandu jikkomunika r-riżultat lill-impriża li tkun talbet il-valutazzjoni.

## **Parti II: Mudell tal-Kwestjonarju**

- 1) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-eżistenza, il-kontenut u l-firxa tad-dispożizzjonijiet rigward is-superviżjoni finanzjarja, inkluż rigward:
  - Verifika tal-istat ta' solvibbiltà u l-kundizzjoni finanzjarja tal-impriża;
  - Verifika tal-istabbiliment u l-kapaċità li tintalab żieda fil-provvedimenti tekniċi u l-assi użati biex ikopru provvedimenti tekniċi;
  - Obbligu tal-impriża biex tirrapporta l-pożizzjoni finanzjarja u tas-solvibbiltà tagħha lis-superviżur sabiex tippermetti intervent superviżorju f'waqtu.
- 2) Jekk jogħġbok iddeskrivi dispożizzjonijiet dwar regoli għall-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet, u indika jekk dawn li ġejjin humiex applikabbli:
  - Il-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet hija bbażata fuq valutazzjoni ekonomika tal-karta tal-bilanċ kollha;
  - L-assi u l-obbligazzjonijiet huma vvalutati fl-ammont li bihom jistgħu jiġu skambjati bejn partijiet konsapevoli u disposti fi tranżazzjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq normali;
  - L-istandards ta' valutazzjoni għall-finijiet superviżorji huma konsistenti mal-istandards internazzjonali tal-kontabilità, sa fejn hu possibbli.

3) Jekk jogħġbok ipprovdni dettalji dwar ir-reġim legali u superviżorju applikabbli rigward il-provvedimenti tekniċi (TP) u indika jekk/liema rekwiżiti huma fis-seħħ biex jiżguraw li:

- TP huma stabbiliti fir-rigward tal-obbligi kollha tal/r-(ri)assigurazzjoni u jimmiraw biex jaqdbu r-riskji kollha mistennija relatati mal-obbligi tal/r-(ri)assigurazzjoni tal-impriża;
- TP huma kkalkolati b'mod prudenti, affidabbli u oġġettiv;
- Il-livell tat-TP huwa l-ammont li impriża tal/r-(ri)assigurazzjoni f'pajjiż terz ikollha tħallas kieku tittrasferixxi jew tħallas id-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali tagħha immedjatament lil impriża/parti konsapevoli u disposta fi tranżazzjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq normali;
- Il-valutazzjoni tat-TP hija konsistenti mas-suq u, sa fejn ikun possibbli, tuża u hija konsistenti mal-informazzjoni pprovduta mis-swieq finanzjarji u l-informazzjoni ġeneralment disponibbli dwar ir-riskji tas-sottoskrizzjoni;
- Segmentazzjoni tal-obbligi tal/r-(ri)assigurazzjoni fi gruppi ta' riskju xierqa u bħala minimu skont linji tan-negożju ssir sabiex tinkiseb valutazzjoni preċiża tal-obbligi tar-riassigurazzjoni;
- Jeżistu proċessi u proċeduri biex jiżguraw l-adegwatezza, il-kompletezza u l-preċiżjoni tad-data użata fil-kalkolu tat-TP.

4) Jekk jogħġbok ipprovdni dettalji dwar ir-reġim applikabbli fir-rigward tal-fondi proprji inkluż, fejn applikabbli, jekk/liema rekwiżiti huma fis-seħħ biex jiżguraw li:

- Fondi proprji jiġu kklassifikati skont il-kapaċità tagħhom li jassorbu t-telf fil-każ ta' stralċ u fuq bażi ta' negożju attiv;
- Il-fondi proprji tal-ogħla kwalità huma disponibbli biex jassorbu t-telf f'negożju attiv u fil-każ ta' stralċ, b'rekwiżiti addizzjonali ta' dewmien suffiċjenti tal-partita ta' fondi proprji, nuqqas ta' inċentivi ta' tiftidja, nuqqas ta' spejjeż obligatorji ta' servizz u nuqqas ta' gravami;
- Issir distinzjoni bejn fondi proprji fuq il-karta tal-bilanċ u partiti li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ (pereżempju garanziji);
- Skont il-klassifikazzjoni tagħhom, il-fondi proprji huma eliġibbli biex ikopru r-rekwiżiti kapitali parzjalment jew kompletament (għall-fondi proprji tal-ogħla kwalità);
- Limiti kwantitattivi japplikaw għall-fondi proprji biex jiżguraw il-kwalità tal-fondi proprji li jkopru r-rekwiżiti tal-kapital. Fin-nuqqas ta' limiti kwantitattivi, rekwiżiti superviżorji oħrajn għandhom jiżguraw il-kwalità għolja tal-fondi proprji.

5) Jekk jogħġbok iddeskrivi r-reġim regolatorju u superviżorju applikabbli fir-rigward tal-investimenti li jipprovdu dettalji li jsostnu li:

- L-impriżi huma permessi biss li jinvestu fl-assi u fl-istrumenti fejn ir-riskji jistgħu jiġu identifikati, imkejla, immonitorjati, ġestiti, ikkontrollati u rrapportati b'mod xieraq u jiġu kkunsidrati b'mod xieraq fil-ħtiġijiet tas-solvibbiltà tagħhom;

- Assi miżmuma biex ikopru TP huma investiti b'mod prudenti fl-aħjar interess tad-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji kollha;
- L-assi kollha huma investiti b'tali mod li jiżguraw is-sigurtà, il-kwalità, il-likwidità, id-disponibbiltà u l-profittabilità tal-portafoll kollu kemm hu;
- Livelli prudenti ta' investimenti f'assi mhux ammessi għall-kummerċ huma meħtieġa;
- Investimenti fi strumenti derivattivi huma possibbli biss meta dawn jikkontribwixxu għal tnaqqis tar-riskji jew jiffaċilitaw ġestjoni effiċjenti tal-portafoll;
- Hemm evitar ta' dipendenza eċċessiva fuq kwalunkwe ass partikolari, emittent jew akkumulazzjonijiet ta' riskju; ebda konċentrazzjoni eċċessiva tar-riskju.

6) Jekk jogħġbok ipprovdni dettalji dwar ir-reġim legali u superviżorju applikabbli fir-rigward tar-rekwiżiti kapitali u indika jekk u/jew kif:

- Ir-rekwiżiti kapitali huma bbażati fuq ir-riskju u jimmiraw li jkejlu r-riskji kwantifikabbli mhux mistennija kollha tal-impriża. Jekk jogħġbok kopri l-punti li ġejjin:
  - Meta r-riskji sinifikanti ma jinqabdux fir-rekwiżiti kapitali, jekk jogħġbok ipprovdni dettalji dwar il-mekkaniżmu applikat biex jiggarrantixxi li l-ħtiġijiet kapitali jirriflettu dawn ir-riskji b'mod adegwat;
  - Kif ir-rekwiżiti kapitali jirriflettu livell ta' fondi proprji li jippermettu lill-impriża tassorbi telf sinifikanti u li jagħtu assigurazzjoni raġonevoli lil detenturi ta' poloż u lill-benefiċjarji li l-ħlasijiet ser isiru meta jkunu dovuti;
  - X'inhil l-mira ta' kalibrar għar-rekwiżiti kapitali? Ir-rekwiżiti jippermettu lill-impriża bħala minimu biex tiflaħ 1 f'200 xenarju ta' rovina fuq perjodu ta' sena jew jiżguraw li d-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji jirċievu mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni?
  - Il-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali jiżgura intervent preċiż u f'waqtu mill-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz;
  - Obbligu fuq l-impriża biex jikkomunikaw tħassib relatat mal-pożizzjoni finanzjarja tagħhom;
  - Obbligu fuq l-impriża biex jirrispondu għat-tħassib imqajjem;
  - L-awtorità superviżorja għandha setgħat biex tiegħu l-azzjonijiet meħtieġa u xierqa kontra l-impriża biex tistabilixxi mill-ġdid il-konformità ma' dak ir-rekwiżit;
  - Standards xierqa jkunu fis-seħħ fejn ir-rekwiżiti kapitali jkunu l-effett tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju.

- Hemm livell minimu li r-rekwiżiti kapitali m'għandhomx jaqgħu taħtu li huwa ekwivalenti għal livell minimu ta' protezzjoni tad-detenturi tal-polza li jattiva azzjoni immedjata u finali tal-intervent superviżorju.
- Rekwiżiti kapitali individwali huma kkalkulati mill-inqas kull sena u għandhom jiġu mmonitorjati fuq bażi kontinwa.

7) Jekk ir-reġim tiegħek jipprovdi għall-użu ta' mudelli interni, jekk jogħġbok iddeskrivi d-dispożizzjonijiet applikabbli rigward speċifiċitajiet ta' valutazzjoni tal-mudelli interni fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-rekwiżiti kapitali, inkluża informazzjoni relatata mal-oqsma li ġejjin:

- Meta l-impriża tal/r-(ri)assigurazzjoni tuża mudell intern sħiħ jew parzjali biex tikkalkula r-rekwiżiti kapitali tagħha, ir-rekwiżiti kapitali li rriżultaw jipprovdu livell ta' protezzjoni tad-detenturi ta' polza li huwa mill-inqas paragonabbli mal-livell li jkun meħtieġ taħt ir-regoli lokali jekk ma jintuża ebda mudell intern (jiġifieri dan ikun mudell b'mod adegwat tar-riskji li l-impriża hija jew tista' tkun esposta għalihom u jipprovdi rekwiżiti kapitali bl-istess livell ta' fiduċja bħall-approċċ standard);
- Ir-reġim għandu proċess għall-approvazzjoni tal-mudelli interni li jinkludi rekwiżit għall-approvazzjoni minn qabel tal-mudell intern qabel l-intrapriża tiġi awtorizzata tuża l-mudell biex tiddetermina r-rekwiżiti kapitali regolatorji tagħha;
- Ir-reġim applikabbli jinkludi r-rekwiżiti li ġejjin biex mudell intern jintuża għall-kalkolu tal-kapital regolatorju:
  - Sistema adegwata ta' ġestjoni tar-riskju;
  - Il-mudell intern jintuża b'mod komuni u għandu rwol importanti fis-sistema ta' governanza tal-impriża (test tal-użu);
  - Standards tal-kwalità statistika;
  - Standards ta' validazzjoni;
  - Standards ta' dokumentazzjoni;
  - Standards ta' kalibrar;
  - Attribuzzjoni ta' profitti u telf.
- Meta impriża tal/r-(ri)assigurazzjoni tuża mudell intern parzjali għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali tagħha, il-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell intern parzjali huwa definit b'mod ċar u ġġustifikat biex tiġi evitata l-għażla preġudikata ta' riskji (eż. l-impriża tipprovdi mudelli biss tar-riskji fejn dan jirriżulta f'rekwiżit ta' kapital iktar baxx). Jekk jogħġbok ipprovdi kwalunkwe informazzjoni ta' sostenn biex turi li ma hemm ebda ambigwiżità dwar liema riskji, assi u/jew obligazzjonijiet huma inklużi jew esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell intern parzjali.

- 8) Jekk jogħġbok iddeskrivi r-reġim applikabbli rigward l-obbligi tas-segretezza professjonali li l-awtorità għandha tosserva (jekk jogħġbok inkludi referenzi għal kwalunkwe liġijiet u regolamenti rilevanti f'dan il-kuntest fit-tweġibiet kollha):
- **Obbligu Legali.** Jekk jogħġbok spjega l-obbligu legali li tali informazzjoni tinżamm kunfidenzjali, b'mod partikolari:
    - Identifikazzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali;
    - Dmir legali biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali;
    - Applikabbli għall-individwi rilevanti kollha (jiġifieri dawk kollha li jaħdmu, ħadmu jew jaġixxu/aġixxew f'isem l-awtorità superviżorja, indipendentement minn jekk humiex/kinux persunal, membri tal-bord, jew eż. esperti esterni);
    - Obbligu li għadu għaddej (applikabbli waqt il-ħidma/aġir f'isem awtorità superviżorja u fuq bażi kontinwa wara dan).
  - **Użu ta' informazzjoni.** Jekk jogħġbok spjega r-restrizzjonijiet dwar l-użu ta' informazzjoni superviżorja kunfidenzjali, b'mod partikolari kif l-informazzjoni għandha tintuża biss waqt id-dmirijiet superviżorji ta':
    - Monitoraġġ ta' konformità (inkluż monitoraġġ ta' provvedimenti tekniċi, marġini ta' solvibbiltà, proċeduri amministrattivi/ta' kontabbiltà u kontrolli interni);
    - Impożizzjoni ta' penali;
    - Proċeduri/appelli tal-Qorti.
  - **Żvelar.** Jekk jogħġbok spjega taħt liema ċirkostanzi l-informazzjoni tista' tiġi żvelata lil partijiet terzi (jiġifieri l-persuni/istituzzjonijiet kollha appartati l-awtorità):
    - Spjega jekk kunsens espliċitu tal-awtorità minn qabel fejn toriġina l-informazzjoni kunfidenzjali huwiex prekondizzjoni għal żvelar 'il quddiem;
    - Spjega jekk hemmx sitwazzjonijiet fejn l-informazzjoni hija mandatorja biex tiżvela lil partijiet terzi (eż. qrati, prosekuturi, korpi governattivi). Iddeskrivi l-prekondizzjonijiet għall-iżvelar kif ukoll ir-raġunijiet li għalihom l-informazzjoni tista' tiġi żvelata, u l-mezzi li l-awtorità tiegħek tista' tuża biex tirreżisti l-iżvelar. Uża eżempji prattiċi biex turi l-kostellazzjonijiet prattiċi;
    - Spjega l-proċedura fir-rigward tal-proċeduri ċivili/kriminali (fejn l-impriża tkun ġiet iddikjarata falluta jew tkun qiegħda tiġi stralċata b'mod obligatorju): l-informazzjoni li għandha tiġi żvelata m'għandhiex tikkonċerna partijiet terzi involuti f'tentattivi ta' salvataġġ.

- Sanzjonijiet. Jekk jogħġbok iddeskrivi dispożizzjonijiet legali nazzjonali applikabbli f'każ ta' ksur tal-obbligu ta' segretezza professjonali bħal pereżempju d-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali fir-rigward tal-ksur tas-segretezza professjonali (pereżempju reati, penali, infurzar).
- Ftehimiet ta' Kooperazzjoni. Iddeskrivi l-kapaċità tiegħek li tidħol fi ftehimiet ta' kooperazzjoni (suġġetti għal garanziji tas-segretezza professjonali).

## **Anness Tekniku II - Valutazzjoni tal-ekwivalenza taħt l-Artikolu 260 tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II**

**Parti I:** Biex iwettqu valutazzjoni skont il-Linja Gwida 9, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom isegwu l-passi deskritti hawn taħt.

### A. Bidu tal-valutazzjoni:

- 1) Fi żmien 20 jum ta' xogħol mill-wasla tat-talba skont l-Artikolu 260(1) tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II, is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jinnotifika lill-EIOPA dwar it-talba rċevuta u għandu jipprovdi d-dettalji li ġejjin:
  - a) Id-data tat-talba mill-impriża;
  - b) L-isem tal-impriża li tagħmel it-talba;
  - c) L-isem tal-grupp li tappartjeni għalih l-impriża li tagħmel it-talba;
  - d) Il-pajjiż jew pajjiżi li ġiet mitluba valutazzjoni għalihom;
  - e) L-isem u l-email tal-persuna(i) ta' kuntatt fis-superviżur tal-grupp responsabbli għall-finijiet tal-valutazzjoni.

In-notifika għandha tiġi kkomunikata wkoll lill-membri tal-UE tal-kulleġġ tal-grupp.

Is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu, flimkien mal-EIOPA, jiċċekkja jekk tkunx diġà ttejdet deċiżjoni dwar l-ekwivalenza li tirrigwarda dak il-pajjiż terz minn superviżur ieħor fil-kariga tal-grupp. Jekk iva, il-passi dettaljati li ġejjin huma meħtieġa biex jiġu kkunsidrati bidliet sinifikanti fir-reġim superviżorju stipulat fit-Titolu I tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II u fir-reġim superviżorju f'dak il-pajjiż terz.

- 2) Is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jitlob lill-EIOPA biex tiċċirkola l-informazzjoni lill-Bord tas-Superviżuri tagħha fi żmien 5 ijiem ta' xogħol mill-irċevuta tan-notifika, filwaqt li titlob dettalji dwar kwalunkwe interess materjal mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fil-valutazzjoni tal-ekwivalenza rigward l-impriża li jissorveljaw.
- 3) L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jipprovdu dawn id-dettalji fi żmien 15-il jum ta' xogħol lill-persuna responsabbli mill-valutazzjoni lis-superviżur tal-grupp responsabbli u lill-EIOPA.
- 4) Fi żmien 20 jum ta' xogħol mill-wasla tat-talba skont l-Artikolu 260(1) tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II, is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jikkuntattja lis-superviżur f'pajjiż terz biex jinnotifikah dwar it-talba u biex jistaqsih jekk jixtieqx jipparteċipa jew jikkoopera fil-valutazzjoni, fejn għandu jindika l-iskeda ta' żmien proposta għall-valutazzjoni lis-superviżur f'pajjiż terz. In-notifika għandha tiġi kkomunikata lill-EIOPA.
- 5) Is-superviżorju tal-grupp responsabbli għandu jitlob lis-superviżur f'pajjiż terz biex jagħti risposta fi żmien 20 jum ta' xogħol mid-data li fiha jirċievi t-talba.

### B. Twettiq tal-valutazzjoni:

- 6) Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla ta' risposta minn superviżur f'pajjiż terz li jirrifjuta li jikkoopera, u wara li jkun iddiskuta l-kwistjoni mal-EIOPA, is-



superviżur tal-grupp responsabbli għandu joħroġ deċiżjoni li ttejjm il-proċess ta' valutazzjoni li tiddikjara li ma tistax issib l-ekwivalenti tal-pajjiż terz minħabba n-nuqqas ta' evidenza ta' sostenn. Is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jiddiżattiva t-tim ta' valutazzjoni u għandu jinforma lill-EIOPA, lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u lill-impriża li talbet il-valutazzjoni tad-deċiżjoni.

- 7) Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol minn mindu tasal it-tweġiba mis-superviżur f'pajjiż terz li jikkonferma l-kooperazzjoni fil-valutazzjoni, is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jibda l-proċess ta' ġbir tal-informazzjoni billi jibgħat il-kwestjonarju fil-Parti II ta' dan l-Anness Tekniku. Is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jagħti lis-superviżur f'pajjiż terz mill-inqas 40 jum ta' xogħol biex jipprovdni l-informazzjoni. Is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jikkopja t-talba għal informazzjoni lill-EIOPA.
- 8) Sal-iskadenza għall-wasla tar-risposti għall-kwestjonarju mis-superviżur f'pajjiż terz, is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jkollu fis-seħħ it-tim tal-valutazzjoni bil-kompetenza, għarfien u esperjenza xierqa li għandu jinkludi esperti li għejjin minn awtoritajiet superviżorji nazzjonali oħrajn - fejn ikun hemm qbil - u l-EIOPA.
- 9) Mal-wasla tar-risposta tas-superviżur f'pajjiż terz għall-kwestjonarju, is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jibda l-valutazzjoni bbażata fuq dokumentazzjoni. Dan l-istadju għandu jingħata minimu ta' 40 jum ta' xogħol.
- 10) Matul il-valutazzjoni bbażata fuq dokumentazzjoni, is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jiżgura li jkollu l-informazzjoni kollha li jeħtieġ biex isegwi l-valutazzjoni u għandu jitlob kjarifiki addizzjonali mis-superviżur f'pajjiż terz/l-impriża li tagħmel it-talba, kif xieraq. L-EIOPA għandha tinżamm infurmata bil-progress tal-valutazzjoni sabiex tkun tista' tassisti lis-superviżur tal-grupp responsabbli. Il-komunikazzjonijiet dejjem għandhom jiġu dokumentati sew.
- 11) Matul il-valutazzjoni bbażata fuq dokumentazzjoni, is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu juża wkoll data/informazzjoni minn varjetà ta' sorsi oħrajn, kif xieraq. Is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jitlob lill-EIOPA biex iġġib għall-attenzjoni tiegħu kwalunkwe informazzjoni pertinenti fil-pussess tagħha jew ipprovduta minn awtoritajiet superviżorji nazzjonali oħrajn.
- 12) Fit-twettiq tal-valutazzjoni, kull kriterju kif ipprovdut fl-Artikolu 380 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni għandu jiġi vvalutat permezz ta' 5 kategoriji: sodisfatt, sodisfatt kważi kollu, sodisfatt parzjalment, mhux sodisfatt u mhux applikabbli. Biex kriterju jiġi kkunsidrat bħala sodisfatt, l-awtorità superviżorja f'pajjiż terz għandha tipprovdni evidenza li:
  - a) Id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti li jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet legali, regolatorji u/jew amministrattivi jeżistu; u
  - b) Id-dispożizzjonijiet nazzjonali huma applikati b'mod effettiv fil-prattika.
- 13) Fejn dispożizzjonijiet nazzjonali ma jkunux fis-seħħ fil-ħin tal-valutazzjoni, is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jinnota t-titjib propost fir-rapport tal-valutazzjoni, fejn xieraq.

### C. Eżitu tal-valutazzjoni tal-ekwivalenza jew riżultati:

- 14) Fl-aħħar tal-perjodu tal-valutazzjoni, is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jabbozza rapport li jkun fih dan li ġej:
  - a) Preżentazzjoni fil-qosor tal-azzjonijiet tas-superviżur tal-grupp responsabbli u l-kronoloġija tagħhom;
  - b) Indikazzjoni/dettalji ta' kif inġabret l-informazzjoni - meta toriġina barra minn sottomissjoni ta' superviżur f'pajjiż terz;
  - c) Farsa ġenerali fil-qosor lejn is-suq f'pajjiż terz;
  - d) Analiżi dettaljata tal-aspetti rilevanti tas-sistema ta' superviżjoni f'pajjiż terz;
  - e) Riżultat tal-analiżi mwettqa mill-awtorità superviżorja nazzjonali li għandha ttipprova l-konstatazzjonijiet għal kull wieħed mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 380 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
  - f) Konklużjoni tal-valutazzjoni tal-ekwivalenza, li għandha tkun waħda minn dawn li ġejjin:
    - i. Il-pajjiż A huwa ekwivalenti skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 380 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
    - ii. Il-pajjiż A ma jissodisfax il-kriterji u mhux ekwivalenti.
- 15) Is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jikkomunika l-abbozz tar-rapport lill-membri tal-kulleġġ u lill-EIOPA. Is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu wkoll jitlob lill-EIOPA sabiex tikkomunika aktar il-konklużjonijiet lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kollha. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jikkummentaw f'perjodu ta' 20 jum ta' xogħol, u s-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jikkunsidra b'attenzjoni f'kooperazzjoni mal-EIOPA kull osservazzjoni li jirċievi bħala riżultat ta' dan il-proċess qabel ma jiffinalizza l-konklużjonijiet tiegħu.
- 16) Wara dan il-pass, is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jikkondividi r-rapport mas-superviżur f'pajjiż terz għal kontroll tal-preċiżjoni fattwali. Is-superviżur f'pajjiż terz għandu jingħata minimu ta' 15 u massimu ta' 25 jum ta' xogħol biex jippreżenta l-kummenti tiegħu dwar il-preċiżjoni fattwali.
- 17) F'każ li jaslu kummenti mingħand superviżur f'pajjiż terz, dawn għandhom jiġu kkunsidrati mis-superviżur tal-grupp responsabbli u r-rapport għandu jiġi rivedut kif xieraq qabel il-finalizzazzjoni tiegħu.
- 18) Wara d-deċiżjoni proposta dwar l-ekwivalenza tal-pajjiż terz mis-superviżur tal-grupp responsabbli, l-eżitu u l-analiżi ta' sostenn għandhom jiġu kkomunikati lill-EIOPA mat-talba biex ir-rapport u l-analiżi ta' sostenn jiġu distribwiti fost il-membri tagħha permezz taż-żona ristretta tas-sit elettroniku.

- 19) Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-jum li fih l-EIOPA tkun iċċirkolat id-deċiżjoni ta' ekwivalenza u l-analiżi ta' sostenn skont il-paragrafu 19, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jippreżentaw permezz ta' email lill-EIOPA u lis-superviżur tal-grupp responsabbli kwalunkwe oġġezzjoni għad-deċiżjoni proposta. Is-superviżur tal-grupp responsabbli m'għandu jikkomunika ebda deċiżjoni lill-impriża li tagħmel it-talba qabel ma jkun għadda dan il-perjodu u diment li ma tkun ġiet ippreżentata ebda oġġezzjoni. Jekk ikunu ġew ippreżentati xi oġġezzjonijiet, is-superviżur tal-grupp responsabbli għandu jikkunsidra l-oġġezzjonijiet qabel jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu lill-EIOPA u jikkomunika r-riżultat lill-impriża.

## **Parti II - Mudell tal-Kwestjonarju:**

- 1) Jekk jogħġbok ipprovidi preżentazzjoni komprensiva dwar l-awtorità superviżorja, inklużi dettalji rigward:
- Bażi legali li tispeċifika r-responsabbiltajiet superviżorji u s-setgħat ta' infurzar;
  - Felsien minn indħil żejjed politiku, governattiv u tal-industrija fil-qadi tar-responsabbiltajiet superviżorji;
  - Trasparenza ta' proċessi/proċeduri superviżorji;
  - Riżorsi adegwati finanzjarji u mhux finanzjarji (eż. numru suffiċjenti ta' persunal b'ħiliet xierqa);
  - Protezzjoni xierqa mir-responsabbiltà għal azzjonijiet meħuda in bona fede.
- 2) Jekk jogħġbok ipprovidi dettalji dwar is-setgħat superviżorji disponibbli għall-awtorità rigward impriżi f'diffikultà (waħedhom)/impriżi prinċipali finali f'diffikultà (gruppi), li jistgħu jinkludu:
- Projbizzjoni tar-rimi tal-assi;
  - Pjan ta' rkupru, skema finanzjarja;
  - Stabbiliment mill-ġdid tal-livell ta' fondi proprji, tnaqqis tal-profil tar-riskju;
  - Rivalutazzjonijiet 'l isfel;
  - Prevenzjoni tal-konklużjoni ta' kuntratti ġodda;
  - Irtirar tal-awtorizzazzjoni;
  - Miżuri relatati ma' diretturi, maniġers, kontrolluri u persuni oħra rilevanti.

- 3) Jekk jogħġbok offri ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-azzjonijiet tal-infurzar disponibbli għall-awtorità inkluż dwar il-kapaċità tal-awtorità superviżorja biex tikkooopera ma' awtoritajiet/korpi oħra rigward azzjoni ta' infurzar.
- 4) Jekk jogħġbok ipprovdni informazzjoni dwar is-setgħat tal-awtorità tiegħek biex tiegħu miżuri preventivi u korrettivi biex tiżgura li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkonformaw mal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli inklużi dettalji dwar:
- Il-kapaċità tal-awtorità li tiżgura konformità fuq bażi kontinwa mal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi (inkluż permezz ta' spezzjonijiet fil-post) inklużi miżuri għall-prevenzjoni/penalizzazzjoni ta' ksur ulterjuri;
  - Il-kapaċità tal-awtorità li tikkomunika tħassib, inklużi dawk relatati mal-pożizzjoni finanzjarja tal-impriża/grupp;
  - Il-kapaċità tal-awtorità li tobbliga l-assiguratur/ir-riassiguratur biex jirrispondi għat-tħassib imqajjem mis-superviżur;
  - Il-kapaċità tal-awtorità li tikseb l-informazzjoni kollha meħtieġa biex twettaq is-superviżjoni tal-impriża/grupp.
- 5) Jekk jogħġbok indika jekk fl-eżerċizzju tad-dmirijiet ġenerali tiegħek, inti tikkunsidra b'mod dovut l-impatt potenzjali tad-deċiżjonijiet tiegħek fuq l-istabbiltà tas-sistemi finanzjarji globalment, b'mod partikolari matul sitwazzjonijiet ta' emerġenza, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli dak iż-żmien.
- Jekk jogħġbok ipprovdni xi eżempji ta' azzjonijiet imwettqa riċentement f'dan ir-rigward;
  - Jekk jogħġbok ipprovdni dettalji dwar ir-rekwiżiti regolatorji dwar qsim tal-informazzjoni fi kriżi/sitwazzjoni normali ma' superviżuri barranin;
  - Fil-kuntest ta' superviżjoni tal-grupp, jekk jogħġbok ipprovdni dettalji dwar ir-rekwiżiti regolatorji dwar il-qsim tal-informazzjoni fi kriżi/sitwazzjonijiet normali li jistgħu jinkludu:
    - Kapaċità/Rieda li tiġi sottomessa informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp;
    - Skambju ta' informazzjoni minn qabel dwar deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwaw is-solvibbiltà tal-entitajiet li jappartjenu għal Stat Membru taż-ŻEE;
    - Kapaċità/Rieda li jiġi permess it-trasferiment ta' flus kontanti;
    - Kapaċità/Rieda li jiġu appoġġjati r-restrizzjonijiet fuq l-assi b'xejn għall-entitajiet taħt superviżjoni.
- 6) Jekk jogħġbok indika jekk intix qed tqis l-effetti proċikliċi potenzjali tal-azzjonijiet tiegħek fejn iseħħu movimenti eċċezzjonali fis-swieq finanzjarji.
- Jekk jogħġbok ipprovdni xi eżempji ta' azzjonijiet li ttieħdu riċentement f'dan ir-rigward.

7) Fil-kuntest tas-superviżjoni tal-grupp, jekk jogħġbok spjega s-setgħat/arranġamenti/rekwiżiti superviżorji tiegħek għal kooperazzjoni ma' pajjiżi oħrajn. Jekk jogħġbok indika jekk:

- Taħt id-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħek, tistax taġixxi bħala superviżur tal-grupp għall-gruppi kollha domiċiljati fil-ġurisdizzjoni tiegħek;
- Meta inti s-superviżur tal-grupp, taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għall-mistoqsijiet ewlenin fil-livell tal-grupp u tiegħu responsabbiltà għal:
  - Il-koordinazzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni;
  - Ir-rieżami tal-pożizzjoni finanzjarja tal-gruppi;
  - L-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet superviżorji fir-rigward tal-grupp kollu;
  - L-istabbiliment tal-qafas għall-ġestjoni ta' kriżijiet;
  - Il-valutazzjoni tal-applikazzjoni għal mudell intern tal-grupp jekk tkun rilevanti u t-teħid tad-deċiżjoni tiegħek f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati.
- Bħala superviżur tal-grupp ikollok il-prerogattiva li tikkonsulta u li tinvolvi bil-quddiem lill-awtoritajiet superviżorji rilevanti kkonċernati f'każ li jkollok il-ħsieb li twettaq spezzjoni f'imprezza tal/r-(ri)assicurazzjoni li tinsab fiż-ŻEE?
- Għandek dispożizzjoni fis-seħħ għall-istabbiliment ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni, li jippermettu li:
  - Jista' jiġi stabbilit kulleġġ ta' superviżuri jew arranġamenti ta' kooperazzjoni simili li jikkomponu minimu tal-awtoritajiet rilevanti kollha għas-superviżjoni tal-grupp skont il-kriterji li ġejjin: Rilevanza tal-grupp għall-istabbiltà finanzjarja ġenerali; Rilevanza tal-grupp fis-suq speċifiku tal-assicurazzjoni; Xebh bejn il-prattiki superviżorji; In-natura u l-kumplessità tan-negozju mwettaq mill-grupp;
  - F'każ li Kulleġġ ta' superviżuri jew arranġamenti ta' kooperazzjoni simili huma stabbiliti, il-funzjonament u l-organizzazzjoni ta' dawn il-mekkaniżmi huwa bbażat fuq arranġamenti bil-miktub, inklużi dispożizzjonijiet dwar l-obbligu ta' kooperazzjoni/skambju ta' informazzjoni u l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet (immirati lejn konsensus);
  - Jekk jogħġbok indika jekk hemmx mekkaniżmu ta' soluzzjoni għat-tilwim fil-każ ta' nuqqas ta' qbil ma' awtoritajiet superviżorji rilevanti oħrajn, u jekk iva agħti dettalji dwar dan.

8) Jekk jogħġbok iddeskrivi r-reġim applikabbli rigward l-obbligi tas-segretezza professjonali li l-awtorità għandha tosserva (jekk jogħġbok inkludi fir-risposti kollha referenzi għal kwalunkwe liġi u regolament rilevanti f'dan il-kuntest):

- Obbligu Legali. Jekk jogħġbok spjega l-obbligu legali li l-informazzjoni superviżorja tinżamm kunfidenzjali, b'mod partikolari:
  - Identifikazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali;

- Dmir legali biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali;
  - Applikabbli għall-individwi rilevanti kollha (jiġifieri dawk kollha li jaħdmu, ħadmu jew jaġixxu/aġixxew f'isem l-awtorità superviżorja, indipendentement minn jekk humiex/kinux persunal, membri tal-bord, jew eż. esperti esterni);
  - Obbligu kontinwu (applikabbli waqt il-ħidma/aġir f'isem awtorità superviżorja u fuq bażi kontinwa wara dan).
- Użu ta' informazzjoni. Jekk jogħġbok spjega r-restrizzjonijiet dwar l-użu ta' informazzjoni superviżorja kunfidenzjali, b'mod partikolari kif l-informazzjoni għandha tintuża biss matul id-dmirijiet superviżorji ta':
    - Konformità ta' monitoraġġ (inkluż monitoraġġ ta' provvedimenti tekniċi, margġini tas-solvibbiltà, proċeduri amministrattivi/ta' kontabilità u kontrolli interni);
    - Impożizzjoni ta' penali;
    - Proċeduri/appelli tal-Qorti.
  - Żvelar. Jekk jogħġbok spjega taħt liema ċirkostanzi l-informazzjoni tista' tiġi żvelata lil partijiet terzi (jiġifieri l-persuni/istituzzjonijiet kollha appartati l-awtorità):
    - Spjega jekk kunsens espliċitu minn qabel tal-awtorità fejn toriġina l-informazzjoni kunfidenzjali huwiex prekondizzjoni għal żvelar 'il quddiem;
    - Spjega jekk hemmx sitwazzjonijiet fejn l-informazzjoni hija mandatorja biex tiżvela lil partijiet terzi (eż. qradi, prosekuturi, korpi governattivi). Iddeskrivi l-prekondizzjonijiet għall-iżvelar kif ukoll ir-raġunijiet li għalihom l-informazzjoni tista' tiġi żvelata, u l-mezzi li l-awtorità tiegħek tista' tuża biex tirreżisti l-iżvelar. Uża eżempji prattiċi biex turi l-kostellazzjonijiet prattiċi;
    - Spjega l-proċedura fir-rigward tal-proċeduri ċivili/kriminali (fejn l-impriża tkun ġiet iddikjarata falluta jew tkun qiegħda tiġi stralċata b'mod obligatorju): l-informazzjoni li għandha tiġi żvelata m'għandhiex tikkonċerna partijiet terzi involuti f'tentattivi ta' salvataġġ).
  - Sanzjonijiet. Jekk jogħġbok iddeskrivi dispożizzjonijiet legali nazzjonali applikabbli f'każ ta' ksur tal-obbligu ta' segretezza professjonali bħal pereżempju d-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali fir-rigward tal-ksur tas-segretezza professjonali (pereżempju reati, penali, infurzar).
  - Ftehimiet ta' Kooperazzjoni. Iddeskrivi l-kapaċità tiegħek li tidħol fi ftehimiet ta' kooperazzjoni (soġġetti għal garanziji tas-segretezza professjonali).
- 9) Jekk jogħġbok iddeskrivi d-dispożizzjonijiet applikabbli dwar l-eżistenza u l-firxa tad-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-kapaċità tiegħek biex tiskambja l-informazzjoni ma':

- L-awtoritajiet superviżorji inklużi fir-rigward tal-valutazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni u adattabilità li jkopru l-individwi, kif ukoll il-komunikazzjoni ta' tħassib fir-rigward tas-solidità finanzjarja tal-impriżi/gruppi ssorveljati;
  - Awtoritajiet/korpi/persuni/istituzzjonijiet oħrajn responsabbli għal, jew li jkollhom sorveljanza ta':
    - superviżjoni ta' organizzazzjonijiet/swieq finanzjarji;
    - proċedimenti ta' likwidazzjoni/falliment;
    - twettiq ta' verifiki statutorji tal-kontijiet;
    - detezzjoni/investigazzjoni ta' ksur tal-liġi tal-kumpanija.
  - Banek ċentrali;
  - Amministrazzjonijiet governattivi responsabbli għal-leġiżlazzjoni finanzjarja (għal raġunijiet ta' kontroll prudenzjali);
  - Awtoritajiet/korpi/persuni/istituzzjonijiet oħrajn (jekk jogħġbok indika).
- 10) Jekk jogħġbok ipprovdni ħarsa ġenerali lejn ir-rekwiżiti ta' governanza applikabbli fir-reġim tiegħek, b'mod partikolari jekk hemmx rekwiżiti għall-gruppi biex ikollhom sistema effettiva ta' governanza, inklużi:
- struttura organizzattiva trasparenti b'allokazzjoni ċara u segregazzjoni xierqa tar-responsabbiltajiet;
  - sistema effettiva għat-trażmissjoni f'waqtha tal-informazzjoni;
  - politiki bil-miktub; u
  - pjanijiet ta' kontinġenza.
- 11) Jekk jogħġbok iddeskrivi r-rekwiżiti applikabbli rilevanti għall-idoneità (pereżempju kwalifika professjonali, għarfien u esperjenza xierqa) u proprjetà (pereżempju reputazzjoni tajba u integrità) ta' ġestjoni u detenturi tal-funzjoni prinċipali.
- 12) Jekk jogħġbok ipprovdni ħarsa ġenerali lejn ir-rekwiżiti tal-ġestjoni tar-riskju applikabbli fir-reġim tiegħek, b'mod partikolari jekk hemmx rekwiżiti għall-gruppi li jkollhom:
- sistema ta' ġestjoni tar-riskji effettiva u integrata sew immirata sabiex tidentifika, tkejjel, tissorvelja, tiġġestixxi u tirrapporta (fuq bażi kontinwa) ir-riskji li l-grupp huwa espost jew jista' jiġi espost għalihom (fuq livell individwali jew aggregat, fir-rigward tal-interdipendenzi); u
  - funzjoni ta' ġestjoni tar-riskji strutturata b'tali mod li tiffaċilita l-implimentazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tar-riskji.
- 13) Jekk jogħġbok ipprovdni ħarsa ġenerali lejn kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti għall-grupp biex jevalwa l-ħtiġijiet tiegħu tas-solvenza b'kunsiderazzjoni tal-profil tar-riskju tiegħu, limiti ta' tolleranza tar-riskju u l-istrateġija tan-negożju (paragunabbli ma' valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza).

- 14) Jekk jogħġbok iddeskrivi kwalunkwe dispożizzjoni li tiżgura li l-gruppi jkollhom funzjoni ta' verifika interna effettiva, oġġettiva u indipendenti li l-kostatazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom huma rrapportati lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju.
- 15) Jekk jogħġbok ipprovdi ħarsa ġenerali lejn ir-rekwiżiti ta' kontroll intern applikabbli fir-reġim tiegħek, inkluż kwalunkwe rekwiżit għall-grupp li jkollu:
- proċeduri amministrattivi/ta' kontabilità;
  - qafas ta' kontroll intern;
  - arranġamenti xierqa ta' rappurtar fil-livelli kollha tal-grupp; u
  - funzjoni ta' konformità (jekk jogħġbok ipprovdi dettalji tar-responsabbiltajiet ta' dik il-funzjoni).
- 16) Jekk jogħġbok indika jekk u taħt liema kundizzjonijiet, funzjoni attwarja hija meħtieġa mis-sistema tiegħek. Jekk jogħġbok stipula r-responsabbiltajiet ta' din il-funzjoni u kwalunkwe rekwiżit speċifiku f'termini ta' kompetenza jew kwalifiki.
- 17) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-eżistenza/estent ta' dispożizzjonijiet rigward esternalizzazzjoni, inkluż dwar:
- jekk gruppi tal-assigurazzjoni jibqgħux responsabbli għat-twettiq tal-obbligi regolatorji tagħhom meta dawn jesternalizzaw funzjonijiet jew attivitajiet;
  - kwalunkwe ċirkostanza fejn il-gruppi mhumiex permessi li jesternalizzaw funzjonijiet jew attivitajiet kritiċi jew importanti;
  - notifika lill-awtorità superviżorja qabel l-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet jew azzjonijiet kritiċi jew importanti; u
  - jekk huwiex possibbli għall-awtorità superviżorja li twettaq spezzjonijiet ta' attivitajiet esternalizzati.
- 18) Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar ir-rekwiżiti li jiżguraw li l-gruppi jkollhom proċeduri fis-seħħ biex jidentifikaw kundizzjonijiet finanzjarji li qed jiddeterjoraw u biex jinnotifikaw lill-awtoritajiet superviżorji.
- 19) Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar l-eżistenza u l-firxa tad-dmir tal-awdituri li jirrapportaw:
- Ksur ta' liġijiet, regolamenti, dispożizzjonijiet amministrattivi;
  - Kwistjonijiet li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament kontinwu tal-impriża;
  - Rifjut (jew riżervi) fir-rigward ta' ċertifikazzjoni tal-kontijiet;
  - Nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti kapitali.
- 20) Jekk jogħġbok ipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva ta' liema gruppi ta' informazzjoni huma meħtieġa għall-iżvelar pubbliku, u b'liema frekwenza. B'mod partikolari, jekk jogħġbok kopri jekk hemmx rekwiżiti għall-gruppi biex jiżvelaw informazzjoni rigward:
- In-negozju u l-prestazzjoni tagħhom;
  - Is-sistema ta' governanza tagħhom;



- L-esponiment għar-riskju, il-konċentrazzjoni, il-mitigazzjoni u s-sensittività tagħhom;
  - Il-bażijiet ta' valutazzjoni u metodi għall-assi, il-provvedimenti tekniċi u responsabbiltajiet oħrajn tagħhom;
  - Il-ġestjoni kapitali, inkluż l-ammont tal-fondi proprji u r-rekwiżiti kapitali tagħhom;
  - Tranżazzjonijiet sinifikanti fost l-impriżi ta' grupp u konċentrazzjonijiet tar-riskju sinifikanti.
- 21) Jekk jogħġbok iddeskrivi t-tip u l-frekwenza tal-informazzjoni ta' kontabilità, prudenzjali u statistika li tista' tinkiseb mill-awtorità superviżorja.
- 22) Jekk jogħġbok ipprovdni informazzjoni dwar l-eżistenza/l-estent tad-dispożizzjonijiet u s-setgħat superviżorji fir-rigward tal-akkwiżizzjonijiet, inkluż dwar:
- In-notifika ta' intenzjoni li parteċipazzjoni kwalifikattiva tinżamm jew tiżded direttament jew indirettament;
  - Id-dritt ta' awtorità superviżorja biex topponi l-akkwist propost kif ukoll il-kapaċità li tissospendi d-drittijiet tal-vot u/jew il-kapaċità li tannulla voti mitfugħa;
  - L-eżistenza ta' limiti li jwasslu għal notifika;
  - Il-possibbiltà li valutazzjoni tal-akkwist minn impriżi finanzjarji tkun soġġetta għal konsultazzjoni minn qabel.
- 23) Jekk jogħġbok ipprovdni informazzjoni dwar l-eżistenza/l-estent tad-dispożizzjonijiet u setgħat superviżorji fir-rigward ta' disponimenti, inkluż dwar:
- Notifika ta' intenzjoni ta' disponiment direttament/indirettament ta' parteċipazzjoni kwalifikattiva;
  - Limiti li jwasslu għal notifika.
- 24) Jekk jogħġbok ipprovdni informazzjoni dwar l-eżistenza/l-estent tad-dispożizzjonijiet u s-setgħat superviżorji rigward l-informazzjoni li tista' tinkiseb mingħand impriża, inkluż dwar:
- Limiti ta' notifika ta' intenzjoni ta' akkwisti/disponimenti;
  - Notifika regolari (eż. annwali) ta' parteċipazzjonijiet kwalifikattivi, inkluż id-daqs.
- 25) Jekk jogħġbok ipprovdni informazzjoni dwar l-eżistenza/l-estent tad-dispożizzjonijiet u s-setgħat superviżorji fir-rigward tar-rekwiżiti għall-valutazzjoni kontinwa, l-approvazzjoni u l-iżvelar ta' informazzjoni rilevanti, inkluża informazzjoni fir-rigward ta:
- Trasferimenti ta' portafoll jew trasferiment ta' kuntratti individwali (eż. fil-kuntest ta' kuntratti ta' riassigurazzjoni);
  - Bidliet fil-maniġment; u
  - Skema ta' operazzjoni.

- 26) Jekk jogħġbok ipprovdni dettalji dwar l-eżistenza u l-kontenut tal-istandards u setgħat superviżorji fir-rigward tal-obbligu tal-impriża li tipprovdni informazzjoni dwar il-valutazzjoni tar-reputazzjoni u s-solidità finanzjarja tal-proprjetarju/akkwiredent il-ġdid.
- 27) Jekk jogħġbok ipprovdni informazzjoni dwar l-eżistenza, il-kontenut u l-estent - tad-dispożizzjonijiet fir-rigward tas-superviżjoni finanzjarja, inkluż fir-rigward ta':
- Verifika tal-istat ta' solvibilità u l-kundizzjoni finanzjarja tal-intrapriża/tal-grupp;
  - Verifika tal-istabbiliment u l-kapaċità li tintalab żieda tal-provvedimenti tekniċi u l-kopertura tal-assi;
  - Obbligu ta' impriża li tissottometti rappurtar finanzjarju lis-superviżur.
- 28) Jekk jogħġbok iddeskrivi dispożizzjonijiet dwar ir-regoli għall-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet, u indika jekk dawn li ġejjin humiex applikabbli:
- Il-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet hija bbażata fuq valutazzjoni ekonomika tal-karta tal-bilanċ kollha;
  - L-assi u l-obbligazzjonijiet huma vvalutati għall-ammont li jistgħu jiġu skambjati bih bejn partijiet konsapevoli u disposti fi tranżazzjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq normali;
  - L-istandards ta' valutazzjoni għall-finijiet superviżorji huma konsistenti mal-standards internazzjonali tal-kontabilità, sa fejn hu possibbli.
- 29) Jekk jogħġbok ipprovdni dettalji dwar ir-reġim legali u superviżorju applikabbli fir-rigward tal-provvedimenti tekniċi (TP) u indika jekk u/jew kif:
- It-TP huma stabbiliti fir-rigward tal-obbligi kollha tal/r-(ri)assicurazzjoni u jimmiraw li jaqdbu r-riskji kollha mistennija relatati mal/r-(ri)assicurazzjoni tal-impriża li huma parti mill-grupp;
  - It-TP huma kkalkulati b'mod prudenti, affidabbli u oġġettiv;
  - Il-livell tat-TP hu l-ammont li impriża tal/r-(ri)assicurazzjoni f'pajjiż terz kien ikollha tħallas kieku ttrasferiet jew issaldat id-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali tagħha immedjatament lil impriża/parti konsapevoli u disposta oħra fi tranżazzjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq normali;
  - Il-valutazzjoni tat-TP hija konsistenti mas-suq u tuża, sa fejn hu possibbli, u hija konsistenti mal-informazzjoni pprovduta mis-swieq finanzjarji u l-informazzjoni ġeneralment disponibbli dwar ir-riskji tas-sottoskrizzjoni;
  - Segmentazzjoni tal-obbligi tal/r-(ri)assicurazzjoni fi gruppi ta' riskju xierqa u bħala minimu skont linji tan-negozju tiġi mwettqa sabiex tinkiseb valutazzjoni preċiża tal-obbligi tar-riassicurazzjoni;
  - Jeżistu proċessi u proċeduri biex jiżguraw l-adegwatezza, il-kompletezza u l-eżattezza tad-data użata fil-kalkolu tat-TP;
  - Is-superviżur jista' jitlob lill-intrapriża li hija parti mill-grupp biex iżżid l-ammont ta' provvedimenti tekniċi jekk dan ma jkunx konformi mar-rekwiżiti.

30) Jekk jogħġbok ipprovdni dettalji dwar ir-reġim applikabbli fir-rigward tal-fondi proprji inkluż, fejn applikabbli, fejn:

- Fondi proprji huma kklassifikati skont il-kapaċità tagħhom li jassorbu t-telf fil-każ ta' stralċ u fuq il-bażi ta' negozju attiv;
- Il-fondi proprji tal-ogħla kwalità huma disponibbli biex jassorbu t-telf f'negozju attiv u fil-każ ta' stralċ, b'rekwiżiti addizzjonali ta' dewmien suffiċjenti tal-partita ta' fondi proprji, nuqqas ta' inċentivi ta' tefdija, nuqqas ta' spejjeż obligatorji ta' servizz u nuqqas ta' gravami;
- Issir distinzjoni bejn fondi proprji fuq il-karta tal-bilanċ u partiti li ma jidhrux fil-karta bilanċjali (pereżempju garanziji);
- Skont il-klassifikazzjoni tagħhom, il-fondi proprji huma eliġibbli biex ikopru r-rekwiżiti kapitali parzjalment jew kompletament (għall-fondi proprji tal-ogħla kwalità);
- Limiti kwantitattivi japplikaw għall-fondi proprji biex jiżguraw il-kwalità tal-fondi proprji li jkopru r-rekwiżiti tal-kapital. Fin-nuqqas ta' limiti kwantitattivi, rekwiżiti superviżorji oħrajn għandhom jiżguraw il-kwalità għolja tal-fondi proprji.

31) Jekk jogħġbok iddeskrivi r-reġim regolatorju u superviżorju applikabbli fir-rigward tal-investimenti billi tipprovdni dettalji li jappoġġjaw li:

- L-impriża huma permessi biss li jinvestu fl-assi u fl-istrumenti fejn ir-riskji jistgħu jiġu identifikati, imkejla, immonitorjati, ġestiti, ikkontrollati u rrapportati b'mod korrett u jiġu kkunsidrati b'mod xieraq fil-ħtiġijiet tas-solvibbiltà tagħhom;
- Assi miżmuma biex ikopru TP huma investiti b'mod prudenti fl-aħjar interess tad-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji kollha;
- L-assi kollha huma investiti b'tali mod biex jiżguraw is-sigurtà, il-kwalità, il-likwidità, id-disponibbiltà u l-profittabilità tal-portafoll kollu kemm hu;
- Livelli prudenti ta' investimenti f'assi mhux ammessi għall-kummerċ huma meħtieġa;
- Investiment fi strumenti derivattivi huma possibbli biss safejn dawn jikkontribwixxu għal tnaqqis tar-riskji jew jiffaċilitaw ġestjoni effiċjenti tal-portafoll;
- Hemm evitar ta' dipendenza eċċessiva fuq kwalunkwe ass partikolari, emittent jew akkumulazzjonijiet ta' riskju; ebda konċentrazzjoni eċċessiva tar-riskju.

32) Jekk jogħġbok ipprovdni dettalji dwar ir-reġim legali u superviżorju applikabbli fir-rigward tar-rekwiżiti kapitali u indika jekk u/jew kif:

- Ir-rekwiżiti kapitali huma bbażati fuq ir-riskju u jimmiraw li jkejlu r-riskji kwantifikabbli mhux mistennija kollha tal-impriża. Jekk jogħġbok kopri l-punti li ġejjin:

- Meta riskju sinifikanti ma jinqabadx fir-rekwiżiti kapitali, jekk jogħġbok ipprovdni dettalji dwar il-mekkaniżmu applikat biex jggarantixxi li l-ħtiġijiet kapitali jirriflettu dawn ir-riskji b'mod adegwat;
  - Kif ir-rekwiżiti kapitali jirriflettu livell ta' fondi proprji li jippermetti lill-impriża tassorbi telf sinifikanti u li jagħti assigurazzjoni raġonevoli lid-detenturi ta' poloz u lill-benefiċjarji li l-ħlasijiet ser isiru meta jkunu dovuti;
  - X'inhi l-mira ta' kalibrar għar-rekwiżiti kapitali? Ir-rekwiżiti jippermettu lill-impriża bħala minimu biex tiflaħ 1 f'200 xenarju ta' rovina fuq perjodu ta' sena jew jiżguraw li d-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji jirċievu mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni?
  - Il-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għandhom jiżguraw intervent preċiż u f'waqtu mill-awtoritajiet superviżorji f'pajjiż terz;
  - Obbligu fuq l-impriżi biex jikkomunikaw tħassib relatat mal-pożizzjoni finanzjarja tagħhom;
  - Obbligu fuq l-impriża biex tirispondi għat-tħassib imqajjem;
  - L-awtorità superviżorja għandha setgħat biex tieħu l-azzjonijiet meħtieġa u xierqa kontra l-impriża biex tistabbilixxi mill-ġdid il-konformità ma' dak ir-rekwiżit;
  - Standards xierqa jkunu fis-seħħ fejn ir-rekwiżiti kapitali jqisu l-effett tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju.
- Hemm livell minimu li r-rekwiżiti kapitali m'għandhomx jaqgħu taħtu li huwa ekwivalenti għal livell minimu ta' protezzjoni tad-detenturi tal-polza li jattiva azzjoni immedjata u finali tal-intervent superviżorju.
  - Rekwiżiti kapitali individwali u tal-gruppi huma kkalkulati mill-inqas kull sena u huma mmonitorjati fuq bażi kontinwa.
- 33) Jekk ir-reġim tiegħek jipprovdni għall-użu ta' mudelli interni, jekk jogħġbok iddeskrivi d-dispożizzjonijiet applikabbli rigward speċifitajiet ta' valutazzjoni tal-mudelli interni fil-kuntest tal-valutazzjoni tar-rekwiżiti kapitali, inkluża informazzjoni relatata mal-oqsma li ġejjin:
- Meta l-impriża tal/r-(ri)assigurazzjoni tuża mudell intern sħiħ jew parzjali biex tikkalkola r-rekwiżiti kapitali tagħha, ir-rekwiżiti kapitali li jirriżultaw jipprovdu livell ta' protezzjoni tad-detenturi ta' polza li huwa mill-inqas paragonabbli mal-livell li jkun meħtieġ taħt ir-regoli lokali jekk ma jintuża ebda mudell intern (jiġifieri dan ikun mudell b'mod adegwat tar-riskji li l-impriża hija jew tista' tkun esposta għalihom u jipprovdni rekwiżiti kapitali bl-istess livell ta' kunfidenza bħall-approċċ standard);
  - Ir-reġim għandu proċess għall-approvazzjoni tal-mudelli interni li jinkludi rekwiżit għall-approvazzjoni minn qabel tal-mudell intern qabel l-intrapriża tiġi awtorizzata tuża l-mudell biex tiddetermina r-rekwiżiti kapitali regolatorji tagħha;

- Ir-reġim applikabbli jinkludi r-reqwiziti li ġejjin biex mudell intern jintuża għall-kalkolu tal-kapital regolatorju:
    - Rekwiżit minn qabel għal sistema adegwata ta' ġestjoni tar-riskju;
    - Il-mudell intern huwa użat b'mod wiesa' u għandu rwol importanti fis-sistema ta' governanza tal-impriża (test tal-użu);
    - Standards tal-kwalità statistika;
    - Standards ta' validazzjoni;
    - Standards ta' dokumentazzjoni;
    - Standards ta' kalibrar;
    - Attribuzzjoni ta' profitti u telf.
  - Meta impriża tal/r-(ri)assigurazzjoni tuża mudell intern parzjali għall-kalkolu tar-reqwiziti kapitali tagħha, il-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell intern parzjali huwa definit b'mod ċar u ġġustifikat biex tiġi evitata għażla preġudikata ta' riskji. Jekk jogħġbok ipprovdni kwalunkwe informazzjoni ta' sostenn biex turi li ma hemm ebda ambigwità dwar liema riskji, assi u/jew obbligazzjonijiet huma inklużi jew esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell intern parzjali.
- 34) Jekk jogħġbok ipprovdni dettalji dwar ir-reġim legali u superviżorju applikabbli fir-rigward tar-reqwiziti kapitali tal-grupp u indika jekk u/jew kif:
- Standards xierqa jkunu fis-seħħ fejn ir-reqwiziti kapitali jqisu l-effett tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju u l-effetti ta' diversifikazzjoni fil-livell tal-grupp;
  - Sabiex jiġu riflessi r-riskji totali li grupp jista' jaffaċċja, ir-reqwizit kapitali tas-solvibbiltà tal-grupp jirrifletti wkoll ir-riskji li jinqalgħu fil-livell tal-grupp u li huma speċifiċi għall-grupp;
  - Il-metodi ta' kalkolu użati għad-determinazzjoni tar-reqwizit tal-kapital tal-grupp.
- 35) Jekk jogħġbok ipprovdni dettalji dwar ir-reġim applikabbli fir-rigward tal-fondi proprji tal-grupp inkluż, fejn applikabbli, dwar id-dispożizzjonijiet li jeħtieġu li:
- L-użu doppju tal-fondi proprji u l-ħolqien ta' kapital fost l-impriżi ta' grupp permezz ta' finanzjament reċiproku jiġu eliminati;
  - Fondi proprji mhux funġibbli/mhux trasferibbli jkunu ristretti mis-superviżur tal-grupp u jkunu soġġetti għal reqwiziti ta' rappurtar relatati;
  - Defiċits uniċi tal-entitajiet irregolati fil-grupp huma kkunsidrati b'mod sħiħ fil-livell tal-grupp sakemm il-grupp ma jkunx jista' jagħti prova li r-responsabbiltà tiegħu hija limitata għas-sehem proporzjonali tiegħu tal-kapital;
  - Il-kalkolu tas-solvibbiltà tal-grupp għandu jikkunsidra s-sehem proporzjonali miżmum mill-impriża parteċipi fl-impriżi relatati tagħha. Madankollu, fejn l-impriża relatata tkun impriża sussidjarja u ma jkollhiex biżżejjed fondi proprji

eliġibbli biex tkopri r-Rekwiżit Kapitali preskritt tagħha, għandu jiġi kkunsidrat id-defiċit totali tas-solvibilità tas-sussidjarja.

- 36) Jekk jogħġbok spjega liema entitajiet huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tas-superviżjoni tal-grupp. Dan jinkludi entitajiet li fuqhom grupp jeżerċita influwenza dominanti jew sinifikanti?
- 37) Jekk jogħġbok indika l-approċċ tiegħek, bħala superviżur tal-grupp, biex tinforma lil awtoritajiet superviżorji oħrajn ikkonċernati meta inti tkun iddeċidejt li entità fi ħdan il-grupp għandha tiġi eskluża mis-superviżjoni tal-grupp. Fil-komunikazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn f'każijiet bħal dawn, tinkludi r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni?
- 38) Jekk jogħġbok ipprovdni kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar kif il-qafas regolatorju tiegħek jipprovdni għal superviżur tal-grupp uniku identifikat responsabbli għall-koordinazzjoni u l-eżerċizzju tas-superviżjoni tal-grupp.